GODFREY WETTINGER

# Malta Fiż-Żmien Nofsani

Hafna jgħidulek li ż-żmien Nofsani għadda u ntesa u qisu qatt ma kien. Kellna nies hawn Malta eluf ta' snin qabel dak iż-żmien, nies li madankollu ħallewlna tempji kbar il-ġmiel tagħhom fuq wiċċ l-art u taħtha wkoll, u bosta tifkiriet oħra li jgħaġġbu lil kull min jifhem f'dak li għamlu fi żmien meta ħaddieħor barra minn Malta u Għawdex kien għadu jibni egħrejjex żgħar.[1] Ta' żmien il-Puniċi u żmien ir-Rumani għandna wkoll tifkiriet sbieħ għalkemm mhux ta' kobor bħal dawk ta' qabel.[2] Ta' żmien il-kavallieri trid tħares biss lejn is-swar li jdawru l-bliet ta' madwar il-Port tagħna u lejn il-bini ta' ġo fihom biex tintebaħ bil-kobor ta' dak li għamlu f'dawn il-gżejjer.[3] Iżda taż-żmien Nofsani x'għandna? Tista' tgħid, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, li ma għandna xejn — u la bini, u la swar, u l-anqas tista' tgħid m'hemm xejn x'tara fil-mużewijiet tagħna. Għalhekk aktarx issib min igħidlek, anki fost dawk li jħobbu l-istorja, 'Ninsewh iż-żmien Nofsani Malti. X'għandna minnu? Xejn li xejn!'

Ma' dan kollu għandi ngħid jien ma naqbel xejn. Hu kollu minnu li hemm ftit li xejn x'tara minn ta' dawk iż-żminijiet fl-ibliet, l-irħula u l-mużewijiet Maltin. Iżda hemm ħafna iżjed x'jingħad fuq iż-żmien Nofsani Malti; hemm żgur ħafna iżjed x'jorbotna ma' dak iż-żmien milli wieħed aktarx jaħseb għall-ewwel. M'humiex biss il-bini, id-djar, it-tempji u s-swar li jorbtuna ma' l-imgħoddi ta' pajjiżna. Minn dawk taż-żmien li qed nitkellmu fuqu għandna ftit li xejn. Iżda, ngħid jien, x'għandna xi ngħidu fuq l-ilsien Malti?[4] Ma kienx forsi f'dan iż-żmien li twieled u ssaħħaħ u beda jsir dak li hu dan l-ilsien ta' kull wieħed u waħda minna, ilsien li jgħaqqadna flimkien u jagħmilna dak li aħna, Maltin ulied Malta, ilsien li bih ningħarfu li m'aħniex la Sqallin u l-anqas Tuneżini, la Taljani u

l-anqas Għarab iżda Maltin?[5] U nistgħu ngħidu wkoll b'fehma qawwija li qabel tmiem is-seklu ħmistax fil-gżejjer tagħna kien hawn min seta' jifhem u jagħraf li l-Malti ma kienx l-Għarbi mitkellem anqas biss dak tat-Tuneżija.[6] U fi Trapani n-nutari kienu qegħdin iqisu l-Maltin u l-Għawdxin bħala nazzjon Malti.[7] Jeħtieġ mela aħna wkoll nagħtu ġieh lil dan iż-żmien Nofsani u niflu ftit iktar bil-għaqal x'wirt tiegħu ħallielna.

Nibdew mill-ewwel bil-miġja ta' l-Għarab.[8] Dawn waslu hawn lejn is-snin 869-870. Malta u Għawdex kien ilhom xi erba' mitt sena jew ħamsa insara. Għandna ħjiel tajjeb ta' dan fil-katakombi li għadhom jeżistu f'ħafna nħawi tal-gżejjer tagħna, għalkemm ftit li xejn ma rnexxielna nagħirfu l-knejjes ta' dawk iż-żminijiet.[9] Ma nafux x'ġara meta waslu l-Misilmin. Kien ilhom tletin sena jitqabdu mal-Biżantini biex jaħtfulhom 'il Sqallija minn taħt idejhom. Kien jidher ċar matul dik il-medda kollha ta' żmien li kienu qasir il-waqt se jaslu hawn Malta. Ma setex jonqos li min seta' dabbar rasu u rħielha lejn band'oħra, l-iżjed lejn il-Kalabrija u l-Pulja fin-nofs inhar ta' l-Italja fejn kien hemm igħixu nies Griegi oħra bħalhom. Għax ikollna għax naħsbu li l-għonja u n-nies ta' setgħa u tagħlim hawn Malta taħt il-Biżantini kienu midħla sewwa tal-kultura Biżantina jew Griega.[10] Hawn baqgħu biss il-bdiewa, ir-raħħala u s-sajjieda biex jeħduha ma' l-Għarab jew Misilmin, u m'għandniex għax naħsbu li sata' kellhom moral għoli. Jista jkun li l-ewwel miġja ta' Misilmin ma ġabitx wisq tixrid ta' demm. Jekk kien hekk seta' ġara li l-Insara ngħataw il-qagħda soċjali ta' dhimmi li kienet tagħti lil dawk kollha tal-Ktieb (jiġifieri Nsara, Lhud u Zoroastrijani, eċċ.) il-jedd li jibqgħu jħaddnu d-Din tagħhom b'xi rażna 'l hawn 'l hinn).[11] Jidher madankollu li reġa' qam l-għawġ fis-sena ta' wara, meta nsibu l-Misilmin medhijin b'attakk tal-Biżantini. Jekk kellhom xi xamma li l-Maltin kienu f'xi ftehim moħbi ma' dawn nistgħu għax naħsbu li l-Maltin ma setgħu jsibu ebda ħniena mill-ħakkiema ġodda tagħhom. Setgħu ntefgħu f'jasar mill-agħar u baqgħu Malta; setgħu tkeċċew ukoll minn Malta u ntbagħtu fl-eżilju minn mnejn ma ġew 'l ura qatt. L-irġiel setgħu nqatlu kollha. Ma nafux x'ġara. Biss għandna ħjiel li fis-sena 870 jew ta' qabilha kien hawn ħafna tkissir u tfarrik ta' bini hawn Malta. Dan jidher fit-tħaffir li sar kemm f'Tas-Silġ kif ukoll f'San Pawl Milqi.[12] Jidher ukoll minn kitba mnaqqxa fuq bini f'Susa fit-Tuneżija li kienet tgħid:[13]

Kull ma hawn f'dan it-torri ta' blat maqtugħ jew kolonni tar-rħam hu minn kisbet Malta......

Snin twal wara meta l-Biżantini kienu se jaħbtu għal Malta, il-Misilmin ta' Malta għaddew irwieħhom u sabu li kien hemm iktar ilsiera milli nies ħielsa.[14] Għalhekk il-ħielsa ftiehmu ma' l-għabida[15] jew l-ilsiera tagħhom, lill-Biżantini ġġeldulhom bħalli kienu nies wieħed, għelbuhom u tefgħuhom 'l ura. U għalhekk minn hemm il quddiem il-ħielsa u dawk li kienu lsiera qassmu kollox bejniethom, l-ilsiera nħelsu u kulħadd fil-ġżira għex wieħed ma' l-ieħor bħall-aħwa. Sa fejn wieħed jista' jara f'Malta ma kienx għad baqa' Insara ħlief xi lsir ġdid maqbud fuq il-baħar. Għal żmien twil m'għandniex ħjiel ta' knejjes, statwi, pittura jew mqar oqbra ta' l-Insara.

Igħaddu tnejn u erbgħin sena, u fis-sena 1090 jasal Malta l-qalbieni gwerrier Ruġġier, konti ta' Sqallija.[16] Għeleb lil min kien qed iwaqqfu milli jinżel l-art, dam jumejn iħarbat il-kampanja, sakemm in-nies ta' l-Imdina talbuh biex jaslu fi ftehim. U hekk għamlu, kulħadd skond id-din tiegħu, Ruġġieru fuq is-salib u l-Maltin Misilmin fuq il-Qoran.[17] Ftiehmu li jagħrfuh bħala s-sultan tagħhom, li jħallsuh kull sena ħaraġ qawwi, li jagħtuh l-armi tal-gwerra kollha li kellhom, u li jeħilsulu l-ilsiera Nsara kollha li kellhom. U hemm ridt tara lil dawn l-imsejkna lsiera x'ferħ ta' ġenn qabadhom, kif iżżewh ħajr lill-Konti (bl-ilsien Griegi), u kif iffullaw biex telgħu fuq ix-xwieni tiegħu. Hadhom Sqallija minn fejn telgħu għall-pajjiżi tagħhom. Huma ma kinux Insara Maltin, u dawn jibqgħu ma jissemmew qatt.[18]

Din l-ewwel rebħa ta' Malta u Għawdex min-Normanni ħalliet lill-Misilmin igħixu u jsaltnu f'dawn il-gżejjer.[19] Iżda fis-sena 1127 Malta u Għawdex waqgħu għal kollox f'idejn in-Normanni mmexxija mir-Re Ruġġieru, iben il-Konti.[20] Jidher li dan kien li reġa' daħħal il-Kristjaniżmu f'Malta għax kien hu li ħa t-tmexxija tal-gżejjer għal kollox f'idejh jew f'idejn in-nies tiegħu. Bil-fors li ħalla nies biex imexxu huma f'ismu, li kollha jew kważi kollha kienu Nsara. Jidher li kien hu li reġa' ħalla gwarniġjun ta' suldati hawn, suldati li aktarx kienu kollha jew kważi kollha Nsara. Aktarx li waslu hawn għadd ta' negozjanti u baħrin Insara minn bliet u portijiet Taljani u Katlani bħal Pisa, Genoa u wara xi żmien minn Barċellona. Kien mela minn dik is-sena 1127 li dawn il-gżejjer reġgħu ssoktaw il-ħajja Nisranija tagħhom.[21] Ma setax jonqos li

jiġu hawn qassisin jew aħjar patrijiet, għall-ewwel aktarx tar-rit Grieg Biżantin biex jaqdu l-ħtiġiet spiritwali ta' dawn il-ftit Insara li ġew joqogħdu hawn, li magħhom ma damux ma bdew jiżdiedu Maltin li aċċettaw il-magħmudija, proċess li mal-milja taż-żmien aktarx li żdied sewwa kif ġara fi Sqallija.[22]

Iżda għal ħafna iktar minn mitt sena oħra Malta kellu jkollha popolazzjoni qawwija ta' Misilmin imwielda Malta li kienu jqisu lil Malta bħala arthom.[23] Instab ċimiterju sħiħ b'xi mitt qabar Mislem ftit metri wara l-Villa Rumana fir-Rabat. Ftit minn dawn l-oqbra kellhom data li setgħet tinqara: id-dati kważi kollha kienu ta' żmien in-Normanni, uħud minnhom żmien sewwa wara l-miġja tar-Re Ruġġieru.[24] Il-wisq magħrufa ħaġra ta' Majmuna hija tas-sena 1175. Kien f'din is-sena li min kiteb deskrizzjoni tal-vjaġġ ta' l-Isqof Burchard għal għand Saladin, mibgħut mill-Imperatur Federiku Barnarossa, kiteb li Malta kienet mgħammra mis-Saraċini, jiġifieri nies Misilmin Għarbin, jew jitkellmu bil-Għarbi.[25] Fis-sena 1240 instab li Malta u Għawdex it-tnejn kellhom kotra kbira ta' familji Misilmin. U jidher li ma kienx qabel nofs dak is-seklu li tkeċċew il barra għal kollox b'amar l-Imperatur Federiku u ntbagħtu fil-belt żgħira ta' Luċera fl-Italja,[26] fejn baqgħu x'uħud minnhom sa tmiem dak is-seklu.[27]

Hawn bil-fors ikollna nistaqsu: x'għandu x'jaqsam dan ma' wirt Malta? Illum il-Maltin huma Nsara, u għal mijiet ta' snin, biex ma ngħoddux ukoll l-erba' jew ħames mitt sena ta' qabel ma l-Islam resaq lejn dawn ix-xtajtiet, kienu dejjem Insara. Żgur ma jħossux l-Islam bħala wirt tagħhom bħalma jħossuh dawk in-nies fejn l-Islam baqa' sħiħ. Jien xorta nħoss li l-istorja sħiħa tagħna hija wirt tagħna, u kif l-Eġizzjani u wara kollox aħna lkoll għandna nħossu li wirt il-Farawni biċ-ċiviltà sħiħa tagħhom, bl-ideat, ħsibijiet u reliġjon tagħhom, huwa wirt tagħhom u tagħna wkoll; l-istess kif iċ-ċiviltà Griega kollha, bl-arti, il-filosofija u r-reliġjon tagħha hija wirt l-umanità kollha allavolja ma għadniex inħaddnu l-istess ideat, filosofiji jew reliġjon, hekk ukoll kif aħna nqisu ċ-ċiviltà preistorika bir-reliġjon tagħha bħala wirt artna hekk għandna nqisu l-ġrajja ta' Islam f'pajjiżna bħala wirt artna, wirt iż-żmien Nofsani.

U ma nistgħux nagħmlu ieħor jekk ma rridux nitħawdu. Għax l-Islam ġie ma' l-Għarab u dawn ġibulna l-ilsien tagħna. Jekk ma nifhmux din il-ħaġa sewwa nibqgħu ngħidu, kif kienu jgħidu sa ftit ilu, li l-Malti hu ta' nisel Feniċju, qlajja' li għall-istudjużi hija ħrafa

mill-kbar nett. Issa li hawn ħafna nies li jafu xi ftit Għarbi naħseb li huwa iktar diffiċli biex tbella' n-nies ħrejjef ta' din is-sura. L-għorrief igħidu li fil-Malti ma hemm xejn li ma ssibx f'xi djalett jew ieħor tad-dinja Għarbija. Niftiehmu, kieku Malta baqgħet marbuta mad-dinja Misilma kieku ħadd minna ma kien jiġih ħsieb f'rasu li jikteb bil-Malti jew Għarbi mitkellem iżda konna aħna lkoll niktbu bl-Għarbi Klassiku, l-Għarbi tal-Quran. Biss l-għibien ta' l-Islam f'nofs is-seklu tlittax mill-gżejjer Maltin ġieb miegħu l-għibien maż-żmien ta' l-Għarbi Klassiku hekk kif waslu biex imutu dawk li kienu tgħallmuh fi ċkunithom, ngħidu aħna lejn is-sena 1300. Ma nafux meta ntesew kif jinkitbu l-ittri ta' l-alfabet Għarbi. L-aħħar dokument bl-Għarbi Klassiku li nafu bih, avolja l-Għarbi tiegħu ma wasalx sa għandna, huwa tas-sena 1198.[28] Il-Malti, meta beda jinkiteb, beda jinkiteb bl-alfabet Latin. Iżda sa nofs is-seklu sittax ħafna, anki l-Papa, kienu dlonk jirreferu għalih bħala lsien Għarbi jew Moresk. Ma kienx hemm stmerrija għalih - ħlief darba f'dokument Għawdxi ta' l-ewwel snin ta' dak is-seklu (iżda nafu li wħud minn nies għolja ta' dik il-gżira kif ukoll ta' Malta kienu barranin mhux mitwielda jew imrobbija hawn). Dejjem kien hemm xi għożża għall-Malti kemm fil-knisja u kemm fl-istat minħabba fil-ħtieġa tiegħu fil-ħajja ta' kuljum.[29] Hekk insibu protesti għall-għażla mill-Isqof ta' kappillan barrani żagħżugħ li ma kienx jaf bil-Malti, u insistenza li s-sindikatur li kien igħarrex u jfittex kinux għamlu xi qerq l-uffiċjali tal-gvern kellu jkollu xi ħadd miegħu li kien jaf il-Malti kemm Malta u kemm Għawdex.[30] Il-Malti li twieled fiż-żmien nofsani beda jinkiteb qabel ma spiċċa ż-żmien nofsani u l-poeżija li kiteb il-poeta oratur u filosfu Pietru Caxaru baqgħet teżisti sa llum, miktuba bl-alfabett Latin u b'Malti aktarx safi jekk tqabblu ma' dak ta' llum. Ma nafux kienx hemm poeżiji oħra li nkitbu bil-Malti f'dak iż-żmien u kemm kienu. Biss ikollna ngħidu li l-Malti huwa wirt Malta ta' dak iż-żmien.

Mal-Malti fil-wirt medjevali tagħna nistgħu nżidu wkoll tista' tgħid l-ismijiet ta' kull inħawi li għandna f'Malta u f'Għawdex, neħħi dawk il-ftit li nafu li ngħataw fi żmien il-Kavallieri jew żmien l-Ingliżi.[31] Hemm, ngħidu aħna mal-mitt isem ta' rħula Maltin,[32] mijiet biex ma ngħidx eluf ta' ismijiet ta' egħlieqi u ħbula u rqajja' ta' raba, għoddhom mitejn isem ta' widien, egħxieren ta' ismijiet ta' rdajjem, ġonna, egħjun, wileġ, xagħri, bjar, oqsma, agħdajjar, ħofor, rjus l-art, knejjes, kollha jafu isimhom għan-nies li kien

hawn Malta fiż-żmien nofsani u għal drawwiethom — ismijiet li jgħidulna ħafna fuq Malta ta' dawk iż-żminijiet, fuq ir-raba li kien hawn, in-nuqqas jew xaba' ta' ilma, u l-firxa ta' djar in-nies f'Malta, ismijiet li jgħidulna wkoll xi ħaġa fuq il-Maltin infushom, kemm kien għadhom marbuta mal-kultura Għarbija jew indehsu ma' dik Ewropea. Din ukoll tidher mill-kunjomijiet li kellhom il-Maltin f'dawk iż-żminijiet.[33] Dawn kienu daħlu f'Malta l-ewwel, ikollna ngħidu, fi żmien in-Normanni u komplew żdiedu u nfirxu mal-familji kollha ma' l-għibien ta' l-Islam u r-rebħa aħħarija tal-Kristjaniżmu, għax l-Għarab kellhom sistema oħra ta' kif jissemmew u jingħarfu il-wieħed mill-ieħor. Fis-seklu ħmistax insibu li kull familja Maltija jew Għawdxija kellha kunjom, u ħafna minn dawn il-kunjomijiet baqgħu fostna sa żmienna. Oħrajn intilfu jew inqerdu maż-żmien. Għidt inqerdu għax ma jistax ikun li l-kunjom Muħammed li kien għadu komuni f'Malta nqata' waħdu għax dawk il-famlji kollha li kellhom dak il-kunjom baqgħu mingħajr tifel wieħed biex ikattar u jagħti ħajja fit-tul lil kunjomhom. U dan huwa preċiż wieħed minn ħafna kunjomijiet li jixhdu kemm kienet baqgħet qawwija l-influwenza ta' l-Għarab, forsi ta' Islam, hawn Malta matul iż-żmien nofsani kollu. Bil-fors ġara li dawn il-kunjomijiet inqerdu għal tapposta għax dawk il-famiji ħassew li ma kienx iktar jaqblilhom jibqgħu b'dawk l-ismijiet fi żmien meta l-ġlied bejn is-salib u n-nofs qamar, kif kienu aktarx ipoġġuha dak iż-żmien, kien fl-aqwa tiegħu f'din in-naħa tal-Mediterran. L-għibien ta' kunjomjiet ta' din is-sura kienet biċċa oħra mill-proċess ta' l-Ewropeizzazzjoni tal-ġens Malti. Naraw madankollu li xi ftit kunjomijiet Għarbin safjin bħal Sajd u Abdilla baqgħu magħna sa llum, u issa tant għadda żmien li nsejna kif bdew.

Kunjomijiet Ewropej kienu kotrana anki fis-seklu ħmistax. Hekk insibu kunjomijiet li jirriferu għall-postijiet mnejn kienu ġew dawk il-familji jew il-kapijiet tagħhom, ngħidu aħna bliet bħal Mazzara, Messina, Xortinu, Plosascu, Pontremoli, Lucca, Qordub (Cordoba) jew pajjiżi bħal Corsu (Korsika), Sardu (Sardinja), Causiri (Pantellarija), Gauchi (Għawdxi). Oħrajn jirriferu għall-ġens ta' nies li ġew minnhom bħal Darmenia u Darmanin, Grech, Għarbi. Oħrajn għax-xogħol li kienu jagħmlu bħal Camilleri, Cassar, Calafato, Balistrera (dan il-kunjom kien hemm ħafna minnu f'Għawdex). Kunjomijiet oħra kienu msemmija għal xi antenat bħal Brincat (Pankrazju), Bartolo (Bartolomeo). Seta'

wkoll ġara li kienet antenata bħal Ċilja (minn Ċeċilja) li tat isimha lill-familja tagħha. Dawn il-familji setgħu ġew minn Sqallija jew x'imkien ieħor. Iżda ħafna drabi jidher li aktarx il-kunjom ingħata Malta minn nutara li kienu mdorrija b'ismijiet u kunjomijiet ta' din is-sura. Oħrajn jidhru li kienu maqlubin mill-Għarbi; hekk ngħidu aħna Pace minnflok Salem f'Għawdex fis-seklu erbatax, Magro u Magri f'Malta minnflok Deyf fis seklu sittax. Hafna minnhom minn hawn marru Sqallija u kotru hemmhekk l-istess kif qed jiġri dażżmien bil-kunjonjiet Maltin fl-Awstralja.

Rajna li l-għanja ta' Pietru Caxaru nkitbet bl-alfabett Latin. Dan ma setax jonqos la l-Għarbi Klassiku nqata' minn fost il-Maltin, hekk daħlet id-drawwa li ninqdew fil-kitba l-iktar bl-ilsien Latin u għalhekk bl-alfabett tiegħu. U hawn għalhekk ukoll għandna wirt ieħor, il-wirt Latin u Ewropew ta' Malta. Il-Latin f'dak iż-żmien kien jinqeda bih kull min kien jagħtiha għall-istudju, kemm jekk ried jilħaq qassis, nutar, avukat jew tabib u ħafna drabi anki jekk ried biss jieħu dik il-kisja ta' tagħlim u kultura li kienet iġġiblu foħrija u qima u għira fost in-nies l-oħra ta' żmienu. Il-Latin kien l-ilsien komuni tal-kultura ma' l-Ewropa kollha tal-Punent mill-Portugall sal-Polonja u l-Ungerija u minn Malta fin-nofsinhar sal-pajjiżi Skandinavi fit-tramuntana. Id-dokumenti tal-knisja u ta' l-Istat hawn Malta bħal barra kienu aktarx bil-Latin wara li nqata' l-Għarbi Klassiku. Il-kuntratti tan-nutara u l-karti tal-qrati kienu għoddhom kollha bil-Latin minn hemm 'il quddiem.

Madankollu kien ukoll fiż-żmien Nofsani li beda jidħol l-Isqalli hawn Malta. Insibu xi ittra qasira mibgħuta 'l hawn lejn tmiem is-seklu erbatax b'dak l-ilsien. Iżda fis-seklu ta' wara nsibu gozz ta' dokumenti u kitbiet oħra bl-Isqalli, jiġifieri bit-Taljan ta' Sqallija, minn fejn kienu nqerdu kemm l-Għarbi mitkellem mhux imbiegħed wisq mill-Malti, li madankollu baqa' magħruf u mitkellem minn ħafna mil-Lhud ta' Sqallija sas-sena tat-tkeċċija tagħhom (1492),[34] u kemm il-Grieg. Dan l-Isqalli jidher li kien għadu ma ħax is-sura eżatta ta' kif inhu llum. Hafna dokumenti ta' l-istat u tal-knisja, tal-qrati u tan-nutara kienu sikwit jibdew bil-Latin u jitkomplew bit-Taljan. Iżjed tard daħal it-Taljan Toskan, l-iżjed ftit qabel il-miġja ta' l-Ordni. Hawn għandna wirt storiku ieħor li jeħodna 'l ura lejn tmiem iż-żminiet nofsana.

Ir-reliġjon nisranija hija wirt ieħor ta' dan iż-żmien. Ġara x'ġara meta wasal hawn San Pawl, ma jidhirx li l-Kristjaniżmu ta'

żmien ir-Rumani jew il-Biżantini baqa' ħaj fi żmien l-hekk imsemmija Għarab. Il-Kristjaniżmu reġa' daħal fi żmien in-Normanni kif għidna. Daħal bil-mod, xtered bil-ftit, għal żmien twil ta' seklu u nofs kellu jagħraf l-Islam bħala r-reliġjon ta' kotra ta' Maltin (għall-ewwel tal-kotra l-kbira tal-Maltin). Iżda minn nofs is-seklu tlittax l-Islam kien inqered minn hawn sa fejn kien fid-dieher u mhux fil-moħbi.[35] Lejn tmiem is-seklu tlittax insibu dokument li jsemmi l-bini tal-ħitan tal-katidral.[36] Jista' jkun li sa dak iż-żmien l-insara kellhom knejjes oħrajn, forsi 'l barra mis-swar ta' l-Imdina. Iċ-ċimiterju ta' San Pawl jissemma l-ewwel fis-sena 1366 iżda huwa ċar li kien ilu ftit sewwa jintuża. Il-patrijiet ma bdewx jiġu Malta qabel it-tieni nofs tas-seklu erbatax, xi snin wara (sa fejn nafu) li l-irħieb Benedettini ta' Katanja ġiebu skuża biex ma jersqux 'l hawn.[37] Insibu l-ewwel lill-Agostinjani u lill-Franġiskani lejn is-snin 1372 u l-1375.[38] Lejn nofs is-seklu ta' wara nsibu lill-Karmnitani u lid-Dumnikani kif ukoll lis-sorijiet Benedittini. Lejn tmiem dak is-seklu ġew ta' Ġieżu. Jibqa' diffiċli tifhem għaliex damu daqshekk ma resqu lejn Malta nisranija l-patrijiet.[39] Fi Spanja kienu minn ta' quddiem nett biex jissieltu kontra l-Islam: sa kellhom skejjel biex jitgħallmu l-Għarbi ħalli jkunu jistgħu jipperswadu lis-Saraċini jsiru Nsara.[40] Mill-banda l-oħra wieħed jara li dawn ma bnewx il-kunventi tagħhom fl-Imdina iżda x'imkien 'il barra mis-swar ta' dik il-belt żgħira: l-Agostinjani taħt is-swar infushom, il-Karmnitani xi mil 'l barra mir-Rabat, u d-Dumnikani, il-Franġiskani u ta' Ġieżu nofs triq bejniethom fir-Rabat innifsu. Is-sorijiet biss waqqfu l-kunvent tagħhom fl-Imdina. Mat-tluq tal-Lhud fis-sena 1492 dawn fetħu kunvent ieħor Benedettin fil-post fejn kien hemm is-sinagoga tal-Lhud.[41]

Sa tmiem is-seklu ħmistax Malta kienet imdewda bi knejjes żgħar jew kappelli. Minn dawn fiż-żewġ gżejjer kien hemm fuq l-elf waħda.[42] Kienu kważi kollha ta' sidien minn fost in-nies. Kienu jinfetħu s-soltu xi darba biss fis-sena nhar il-festa tal-qaddis jew qaddisa patruni tagħha. Xi wħud kellhom id-drawwa u ġid biżżejjed biex tinxtegħel lampa għall-għasar nhar ta' sibt. Knejjes oħrajn fl-irħula ż-żgħar jew kbar kienu tal-poplu u kellhom prokuraturi biex jieħdu ħsiebhom f'isem il-poplu. Wieħed jara li dawn il-knejjes għoddhom kollha għadhom dedikati, fejn għadhom jeżistu huma jew knejjes oħra li nbnew flokhom, għall-istess qaddisin li kellhom f'dak iż-żmien. Dan il-wirt għadu miġjub minn ħafna mill-Maltin u

Għawdxin li għadhom iqimu lil dawn il-qaddisin anki għoxrin sena wara li t-tieni Konċilju tal-Vatikan stqarr li ftit li xejn ma hemm tagħrif sod dwar xi wħud minnhom. Madankollu waħdiet biss minn dawn il-knejjes qodma għadhom jeżistu sa llum għax tista' tgħid kollha kellhom jerġgħu jinbnew mill-ġdid wara li qdiemu; xi wħud minnhom kellhom jerġgħu jinbnew iktar minn darba.[43] Fadlilna l-knisja ġawhra ta' Hal Millieri tas-seklu ħmistax mimlija pittura mal-ħitan tagħha, l-għar knisja ta' Sant Agata, ukoll mimlija pittura qadima, u xi pittura fi rkejjen ta' għerien-knejjes li baqgħu mhux mittiefsa waqt li l-bqija tal-bini tagħhom reġgħet inbniet jew waqgħet u ħadd ma ta każha iktar.

L-organizzazzjoni tal-katidral bid-dinjitarji u l-prebendi tiegħu wkoll tmur 'l ura saż-żmien nofsani. Għalhekk xi wħud mill-prebendi jew fundazzjonijiet għall-kanonikati għandhom ismijiet li jmorru 'l ura sa dawk ż-żminijiet, ngħidu aħna l-prebendi ta' Bir it-Twil, ta' Għar Barka, ta' Bir iż-Żgħir, ta' Riħanija. U l-istess nistgħu ngħidu għat-tqassim tal-parroċċi l-qodma ta' l-irħula bħal ta' Birkirkara, Naxxar, Hal Qormi, is-Siġġiewi, iż-Żurrieq, Haż-Żebbuġ, iż-Żejtun u Birmiftuħ jew il-Gudja. Il-parroċċi l-oħra ħarġu minnhom fiż-żmien ta' wara. Għawdex kellu l-Knisja Matriċi fil-Kastell u tliet knejjes parrokkjali oħra fir-Rabat, dik ta' Santa Marija Savina, ta' San Ġakbu u ta' San Ġorġ. Madankollu Għawdex kellu jgħaddi minn burraxka sħiħa fis-sena 1551 li ħarbtet ħafna minn dak kollu li kellha qabel.

Ikollna ngħidu wkoll li ħafna mill-ġid li għandha l-knisja llum huwa wirt iż-żmien tan-nofs. Tant hu hekk dan li għal kotra mill-artijiet li għandha jew kellha sa dan l-aħħar l-Knisja ma hemmx dokumenti ta' kif qalgħethom, għalkemm hemm biżżejjed x'juru li diġà kienu għandha sa minn żmien twil qabel ma ġew il-Kavallieri fis-sena 1530.[45] Dan igħodd ukoll għal Għawdex.[46]

Niġu issa għall-ħajja sekulari. Ta' l-inqas minn tmiem is-seklu erbatax 'il quddiem Malta u Għawdex kellhom gvern muniċipali tagħhom li ma kien jagħmel għajb lil ebda gvern muniċipali ieħor ta' bliet tad-daqs tagħhom fl-Ewropa. Indipendenza ma kellniex u ma tlabniex għaliha; l-anqas ma kellna awtonomija kif kienu jqisuha fis-seklu dsatax, u l-anqas ħadd ma kien joħlom li kien ikollna għax l-idea tagħha ma kinetx daħlet. Malta kienet tagħmel sehem mis-saltna ta' Sqallija nnifisha. Ma kinitx kolonja ta' Sqallija kif kienet

kolonja ta' l-Ingilterra sa ftit ilu. Fil-bidu tal-konjonaliżmu Ingliż f'Malta ħafna kienu dawk il-Maltin u barranin li riedu jerġgħu jqajmu mill-ġdid is-sura ta' gvern li kellna fis-seklu ħmistax.[47] L-Ingliżi wieġbu sewwa li dak ma kienx l-awtonomija li riedu l-Maltin, iżda nistgħu ngħidu bla tlaqliq kien ħafna aħjar minn dak li l-Ingliżi kienu lesti jagħtuna għal bosta u bosta snin.

Kellna fis-seklu ħmistax kunsill tal-gvern, jew ġemgħa kif kienu jsejulha l-Maltin, li kien jiltaqa' ta' spiss l-Imdina. Kienu membri tiegħu l-fewdatarji jew sidien tal-fewdi kif ukoll l-uffiċjali tal-gvern ta' dik is-sena u tas-sena ta' qabel. B'kollox kien fih xi tmintax-il ruħ jew għoxrin. Ta' kultant kien jiltaqa' l-kunsill ġenerali, li kien ikun fih ukoll rappreżentanti ta' l-irħula kollha ta' Malta. Membri kienu jkunu wkoll nies tas-sengħa. B'kollox ġie li kien hemm mal-ħamsa u sebgħin membru. Il-kleru kien jattendi biss meta kien mistieden, u l-istedina kienet issir kull meta kienet tqum xi ħaġa li tmiss lilhom. Għad għandna merfugħa l-Biblijoteka l-Belt il-minuti ta' mijiet mil-laqgħat ta' dan il-kunsill bl-aġenda ta' kull laqgħa u kif ivvutaw għal kull ħaġa u xi kultant ukoll għaliex ivvutaw hekk. M'hemmx għalfejn ngħidu fil-kunsill ġenerali dawk li kienu jirrappreżentaw lill-irħula u lir-Rabat u l-Birgu kienu ħafna iktar fil-għadd milli kienu l-kbarat ta' l-Imdina.[48]

Mill-banda l-oħra ma kienx għad hawn idea ta' demokrazija. Ir-rappreżentanti ta' l-irħula kienu kollha nies magħrufa li kienu tat-tajjeb, kif kienu dlonk igħidulhom u l-votazzjoni kienet miftuħa — kif wara kollox kien isir dak iż-żmien kullimkien barra minn Malta. B'hekk is-saħħa tal-fewdatarji ta' l-Imdina kienet tittaffa iżjed minn ftit minn dawk ta' l-irħula.[49] Dan kien wisq aħjar milli kien jiġri fi Sqallija fejn il-fewdatarji kienu qishom rejiet fl-oqsma tagħhom u ħadd ma kien jista' għalihom hemmhekk, mhux biss il-fqir u ż-żgħir iżda ħafna drabi l-anqas ir-re nnifsu.[50]

Il-gvern kien f'idejn uffiċjali li kienu jinbidlu kull sena u ma setgħux jerġgħu jitilgħu darbtejn fuq xulxin. Il-lista ta' l-uffiċjali l-ġodda kienet tintbagħat kull sena Palermu u tista' tgħid dejjem (iżda mhux dejjem) il-Viċeré f'isem ir-Re ta' Aragona jew Spanja kien jagħżel l-istess nies imsemmijin fil-lista. Dan żgur ma kellniex bħalu taħt l-Ingliżi, żgur ma setgħux igħidu l-Ingliżi li qed inħarrfu u nitolbu fis-seklu dsatax dak li qatt ma kellna. Ewlieni fil-gżira kellna l-Hakem jew Kaptan tal-Virga kif kienu jsibuh fid-dokumenti. Kien qisu l-*mayor* l-Ingilterra. Warajh kien hemm erba' ġurati li kellhom

it-treġija tal-gvern minn jum għall-ieħor. Kien hemm imbagħad imħallef għaref fil-liġi u tnejn oħrajn li kellhom il-qima tan-nies iżda ebda għerf tal-liġi li kienu jissejħu, qisu bla stmerrija, judices idiotae. Kien hemm ukoll żewġ akkattapani li kienu għassa mal-bejjiegħa u x-xerrejja biex dawn ikollhom biss użin u kejl tajjeb u jżommu l-prezz tal-mieta tal-gvern. Dawn kollha kellhom igħaddu mill-għarbiel ta' l-uffiċjali tas-sena ta' warajhom li kellhom jiflu xogħolhom fl-ewwel ġimagħtejn ta' żmienhom fl-ewwel nofs ta' Settembru meta kienu jinbidlu l-uffiċjali. Nafu li wara xi żmien daħal abbuż meta nstab jew kien hemm min ħaseb li l-uffiċjali l-ġodda mhux dejjem kienu qegħdin jaqdu dmirhom sewwa f'din il-ħaġa. Għalhekk beda jintbagħat uffiċjal tapposta minn Palermu biex jissindika jew igħarbel kif kienu qdew dmirhom l-uffiċjali l-qodma ta' kull sena, u l-kelma *jissindika* daħlet fil-Malti u saret biċċa mill-wirt tagħna: forsi għalhekk ta' min jerġa' jagħtiha t-tifsira li kellha fil-bidu.

Il-gvern tagħna hawn Malta u dak ta' Għawdex f'dik il-ġżira kellhom ħafna xogħol x'jagħmlu. Kellhom, ngħidu aħna, joħorġu l-lista tal-prezzijiet fl-ewwel ta' Settembru ħalli kulħadd ikun jaf bihom. Kellhom joħorġu kull sena twissijiet kontra min iħammeġ xi egħjun ta' l-ilma, kontra min jitfa' ż-żibel fit-triqat jew pjazez minflok fl-imkejjen għalhekk imħollija, kellhom jaħsbu għall-qamħ għas-sena li ġejja (ħafna drabi kellhom jibagħtu xi ħadd Sqallija biex isib qamħ bl-aħjar prezz) u għat-tqassim tiegħu, kellhom jaraw x'jagħmlu biex ma jidħolx mard u fejn ikun daħal iżommuh milli jixtered. Kellhom igħassu fuq l-użu tal-port mis-sibbiena jew pirati tal-baħar biex dawn ma jaħbtux għall-bastimenti u ġid tal-Maltin sew jekk dawn kienu Nsara u sew jekk kienu Lhud. Kellhom ukoll jaraw li ma jġagħlux lill-Maltin jingaġġaw magħhom bil-fors. Kienu jagħżlu u jqabbdu xi ħadd mgħallem biżżejjed biex imexxi l-iskola ta' l-Imdina, imħallas nofs mill-gvern u nofs mill-Katidral. Kienu jagħżlu wkoll lit-tabib tal-gvern, kif ukoll spiżjar, it-tnejn imħallsin mill-gvern biex jaqdu lill-foqra b'xejn. Kienu jgħassu d-dħul u l-infiq tal-flus mhux biss ta' l-Isptar ta' Santu Spirtu iżda wkoll tal-Katidral. Biżżejjed wieħed igħid li d-difiża ta' Malta u Għawdex kienet ukoll ħafna minnha f'idejhom.

Hekk insibu li kienu jgħassu li l-lista u t-tqassim tan-nies fid-dejma kienet magħmula sewwa u bla qerq u xaħħim.[51] Kienu jindaħlu fix-xiri minn barra tal-kanuni, kurazzi, lanez u materjal ieħor

tal-ġlied ta' dak iż-żmien. Kienu jaraw ukoll li jinħażnu sewwa u jinżammu sħaħ u bla ħsara. Kienu wisq medhija bit-tiswija l-ħin kollu tas-swar ta' l-Imdina u mhux biss billi kienu huma nfushom jagħżlu wieħed biex jieħu din il-biċċa f'idejh. Għax sikwit kienu jitħaddtu fil-ġemgħa fuq fejn l-aħjar jibda x-xogħol ġdid jew xogħol ta' tiswija. Ġie li ndaħlu wkoll fit-tiswija tas-swar ta' Sant'Anġlu. U ssibhom iwissu lill-awtoritajiet ta' Sqallija fuq xi aħbar li ġejjin il-Mori biex jaħbtu għal Malta jew Għawdex. Għax wara kollox ma setax jonqos li kellhom jafdaw fil-miġja ta' l-armata tal-viċere biex teħles lil dawn il-gżejjer minn xi nżul kbir ta' l-egħdewwa.

Kellhom is-setgħa li jiġbru żewġ taxxi fuq l-inbid, waħda fuq l-inbid li jiġi minn barra u l-oħra fuq il-bejgħta' l-inbid bl-imnut. Kien minn dawn it-taxxi li l-gvern muniċipali l-iktar li kien idaħħal flus. Kellhom xi dħul ieħor bħal dak tal-kera ta' mħażen jew ħwienet. Il-ġbir tat-taxxi u l-għoti tal-kera kien isir bl-irkant.

Ma nafux sewwa meta bdiet din is-sura ta' gvern muniċipali. Matul is-sekli tnax, tlittax u erbatax Malta u Għawdex sikwit kienu jingħataw b'fewdu bħala kontea (darba għal żmien qasir bħala markiżat). Dan ma kienx dejjem ifisser li Malta ma kellhiex gvern muniċipali taħt il-konti jew markiż. Iżda ma għandniex tagħrif fuq x'ġara fil-fatt. L-anqas m'huwa ċar kienx hemm xi ftit wirt l-Għarab fl-istituzzjoni tal-ġemgħa. Biss huwa magħruf sewwa fost l-għorrief li l-bliet Għarab ma kellhomx gvern muniċipali kif kellhom il-bliet Ewropej tista' tgħid kullimkien. Mill-banda l-oħra l-irħula kellhom il-muħtar, jew kap tar-raħal, u hawn Malta kellek dak il-kunjom Mohtar sa tmiem is-seklu ħmistax. Huwa wkoll magħruf sewwa li l-Maltin qatt ma għoġbithom dik li l-gżejjer tagħhom jingħataw b'fewdu, u dejjem issieltu kontra tagħha. Kienu mwiegħda ħafna drabi li ma jsirx hekk iżda hekk baqa' jsir sa tmiem is-seklu erbatax. Anki fis-seklu ħmistax kien hemm darba meta l-gżejjer ingħataw b'raħan (mhux b'fewdu) lil wieħed mill-kbarat Katalani tar-Re Alfonsu li kien jismu Gonsalvu Monroy. Dan sar fl-1419, u għalkemm għal xi żmien m'huwiex magħruf li sar inkwiet wisq, madankollu fis-sena 1427 saret rewwixta sħiħa tal-Maltin u Għawdxin magħqudin taħt it- tmexxija tal-kbarat ta' l-Imdina, hekk li ħadu l-gżejjer għal kollox f'idejhom ħlief għal Sant'Anġlu fejn baqgħet magħluqa mart Monroy.[52] Is-sultan Alfonsu sibel waħda sew, iżda kollox issewwa meta l-Maltin ħadu fuq spallejhom il-ħlas ta' għoxrin elf fjorin li hu kellu jagħti lil Monroy.

Din ta' Monroy hija storja li jmissna aħna lkoll inkunu nafuha u ndaħħluha ma' l-egħżeż wirt tagħna. Biss irridu noqogħdu attenti li ma nibdewx inħarrfu. Din ma kinetx ġlieda għall-awtonomija. Wara kollox Malta kienet maqtugħa minn Sqallija iktar taħt Monroy milli taħt ir-Re nnifsu. Qamu kontra tiegħu aktarx għax għafashom xi ftit iżżejjed. U din irridu nifhmuha: meta xi kapijiet fis-seklu ħmistax tfantsu għax indaħal il-viċeré f'dak li kienu qed jagħmlu kień kważi dejjem għax kellhom xi faħam miblul, għax beżgħu li jinqabdu f'xi fettuqa li kienu wettqu. Mill-banda l-oħra, meta riedu li jinħallu mill-fewdu u jingħaqdu mad-demanju tar-re dan ma kienx għax kienu jħossu ṙwieħhom Sqallin iżda għax fehmu li aħjar ħakkiem imbiegħed milli wieħed fil-post li seta' jindaħal il-ħin kollu f'dak li kienu qed jagħmlu.[53] Kull żmien irridu nqisuh b'xibru biex ngħid hekk, mhux bl-ideat u x-xewqat tagħna. Madankollu dik li dejjem iġġelidna għall-jeddijiet tagħna matul dawn is-sekli kollha hija żgur xi ħaġa tajba u wirt kbir tagħna.

U hekk insibu lill-gżejjer Maltin fi tmiem iż-żmien tan-nofs maqtugħin għalihom, bi gvern muniċipali b'ċerti setgħat, b'nies magħrufin għall-qlubija tagħhom fuq il-baħar dejjem lesti wkoll biex jiġġieldu kontra kull min jaħbat għalihom, b'reliġjon li tant kienet saret Nisranija li bil-kemm ma ridux igħidu li kienu hekk minn żmien San Pawl u dejjem egħdewwa tal-Mislem, iżda b'ilsien imnissel mill-Għarbi li jidher kien hemm minnhom li riduha li kellu x'jaqsam mal-Feniċju. Kienu nies għajjurin għal jeddijiethom, ħawtiela fir-raba hekk li kienu jfendu għal rashom għax kienu jaqilgħuha mit-tkabbir tal-qoton u tal-kemmuń.[54] Kienu nies diġà magħrufin bħala *natio Maltisi* fi Trapani,[55] nies li diġà setgħu jagħrfu ilsienhom mit-Tuneżin, għalkemm baqgħu ta' kultant jistqarru li lsienhom kien Għarbi jew Moresk mingħajr stmerrija (li ġiet wara).[56] Kienu għadhom jibnu bil-bejt ċatt, kif għadna sa llum, biċċa għax il-klima tagħna tħallina nagħmlu hekk u biċċa aktarx bħala kontinwazzjoni tat-tradizzjoni medjevali Moreska tal-bini tagħna.[57] In-nisa kien għadhom imkeffnin bil-velu bħall-Għarab.[58] Iżda kienu nies bil-bandiera tagħhom, nies li kienu kotru ġmielhom minkejja l-pesta, il-ġlied u l-gwerer, nies li kienu mdorrija bi gvern tajjeb li jaħseb fihom u li ma kienx aħrax wisq magħhom. Kienu nies li nsew żmien is-servitù li minn Malta bħal fi Sqallija[59] jidher li nqata' kmieni ħafna: fis-seklu ħmistax ħadd ma kellu għalfejn jitlob permess lil ħadd biex jiżżewweġ jew isiefer jew jibdel ix-xogħol

tiegħu. Kienu nies imdorrija jkollhom art tagħhom biex jaħdmu avolja ma kinux nies għolja ta' l-Imdina; il-bdiewa kellhom mat-tlieta minn kull tmien biċċiet art li kellha Malta, meta fi Sqallija kważi l-art kollha kienet tal-fewditarji.

Min-naħa l-oħra, mhux il-wirt kollu taż-żmien tan-nofs huwa tajjeb. L-istess kif ġie li jiġri li fil-wirt wieħed jiret dak li ma jridx bħal, ngħidu aħna, dejn, hekk, għalkemm Malta u Għawdex kienu draw iħendu għal rashom, madankollu kien hawn faqar mhux ftit, u ta' sikwit waqa' l-għaks u l-ġuħ. Żgur ħadd m'hu se jgħid li dan il-wirt tal-Medjuevu rriduh. Kien hawn ukoll injuranza kbira ta' kull xorta fil-ħajja ta' kuljum, saħansitra fir-reliġjon, fit-tagħlim ta' l-iskola, f'xi wħud mis-snajja' li għalihom il-gvern kien ikollu ta' kull darba jġib nies minn barra. Kien hawn superstizzjoni kbira u mhux biss minnħabba fl-ilsiera Misilmin. Razziżmu qawwi ma kienx hawn, iżda kien hawn ukoll intolleranza sħiħa fir-reliġjon kif kien hemm kullimkien dak iż-żmien. Mhux biss il-Misilmin kellhom jitilqu minn Malta kif rajna f'nofs is-seklu tlittax iżda lejn tmiem is-seklu ħmistax il-Lhud kollha ta' Malta u Għawdex kellhom jitilqu wkoll, jekk ma jitgħammdux.[60] U kien għad hawn il-jasar kif kien hemm fil-pajjiżi kollha ta' madwar il-Mediterran. Dan kollu żgur m'huwiex wirt li wieħed jista' f'das-seklu tagħna jgħożż. Iżda l-istoriku m'għandux ħaġ'oħra x'jagħmel ħief jistqarr is-sewwa, kien dak li kien. Kollox ma' kollox kien hemm ħafna iktar li kien tajjeb.

BIBLJOGRAFIJA:

1. Aqra, ngħidu aħna, J. D. Evans, *The Prehistoric Antiquities of the Maltese Islands* (Londra, 1971) u D. H. Trump, *Malta: an Archaeological Guide* (Londra, 1972).
2. Ara l-kotra ta' kotba maħruġa mill-*Missione archeologica italiana a Malta. Campagna di scavi 1963, -1964*, eċċ.
3. Ngħidu aħna, ara Quentin Hughes, *Fortress Architecture & Military History in Malta* (Londra, 1969) u Alison Hoppen, *The Fortification of Malta by the Order of St. John* (Edinburgh, 1979). Ara wkoll Roger Degiorgio, *Valletta* (Malta, 1986), Victor F. Denaro, *The Houses of Valletta* (Malta, 1967) u Quentin Hughes, *The Building of Malta 153-1795 during the period of the Knights of St. John of Jerusalem* (Londra, 1956).
4. Biex nibqgħu f'dan is-seklu, nistgħu nsemmu 'l Annibale Preca, *Malta Cananea* (Malta, 1904), li wassal f'tarf ridikolu u mġebbed għal darba t-teorija tal-bidu tal-Malti mill-Feniċju, u A.E. Caruana, *Sull'origine della lingua maltese. Studio storico, etnografico e filologico* (Malta, 1896), xogħol twil iżda mhux xjentifiku; Hans Stumme,*Maltesische Studien eine Sammlung Prosaischer Sprache* (1904). Iżda ara wkoll l-istudji ta' Joseph Aquilina, *Papers in Maltese Linguistics* (Malta, 1961), u *Maltese Linguistic Surveys* (Malta, 1976).

5. G. Wettinger, 'Linguistic Pluralism and Cultural change in the Maltese Islands during the middle Ages', in *Le Pluralisme linquistique dans la società medievale: Colloque international, 1986*, fl-istampa, Montreal, il-Kanada.
6. L-istess.
7. Henri Bresc, *Un monde Mediterranèen: économie et société en Sicile, 1300-1450* (Parlermu/Roma, 1986), faċ. 379.
8. Godfrey Wettinger, 'The Arabs in Malta', *Malta: Studies of its Heritage and History* (Malta, 1986), 87-104.
9. Mario Buhagiar, *Late Roman and Byzantine Catacombs and Related Burial Places in the Maltese Islands* (Oxford, 1986) u Vincent Borg, 'Malta and its Palaeochristian Heritage: a new Appreach', *Malta: Studies of its Heritage and History* (Malta, 1986). 47-86.
10. Hekk insibu xi kitbiet fuq l-oqbra tagħhom miktuba bil-Grieg.
11. Claude Cahen, 'Dhimma' fi *The Encyclopaedia of Islam*, II (Leiden/Londra, 1965).
12. A. T. Luttrell, "Approaches to Medieval Malta", *Medieval Malta: Studies on Malta before the Knights*, (Londra, 1975), faċ. 27.
13. Godfrey Wettinger, 'The Arabs in Malta", faċċ. 90 u 93.
14. Ibid., faċċ. 91 u 93.
15. Ara R. Brunschvig, "Abd', fi *The Encycopaedia of Islam*, I (Leiden/LOndra, 1960).
16. Goffredo Malaterra, *De Rebus gestis Roberti Guiscardi, Ducis Calabriae et Rogerii*, Liber IV, caput xvi, ed. L. Muratori, *Rerum Italicarum Scriptores*, fih rakkont sħiħ ta' l-inżul f'Malta tal-Konti Ruġġieru u t-teħid tal-gżira sħiħa f'idejh fis-sena 1091.
17. Dan kollu, u iktar ukoll, jinsab fil-kitba ta' Malaterra: loc. ċit.
18. Ma setax jonqos li kittieba ta' l-istorja qodma ma setgħux jifhmu kif ma jissemmewx il-Maltin Insara. Għalhekk qalu li Malaterra ħa żball: l-ilsiera li ħeles il-Konti kienu l-Maltin Insara nfushom; u l-kittieba webbsu rashom fuq il-bqija tar-rakkont ta' Malaterra.
19. Qishom biex igħattu egħmilhom, il-kittieba li semmejna jistqarru li l-Konti ħalla 'l-Misilmin igħixu hawn: ma setgħux inizzluha li ħalliehom hawn fil-ħakma, aktarx għax ma setax jagħmel ieħor, għax ma kienx hawn Insara biex jieħdu l-ħakma f'idejhom.
20. Alessandro Telesino, *De rebus gestis Rogerii Sicilae regis*, ed. L. Muratori, *Rerum Italicarum Scriptores*, V (Milan, 1724), faċ. 617; ara wkoll A. T. Luttrell 'Approaches to Medieval Malta' *Medieval Malta: Studies on Malta before the Knights*, faċ. 31.
21. Fuq dan kollu l-istoriku juża biss il-fehma tiegħu msejsa fuq kif jidher li ġraw l-affarijiet hawn u band'oħra bħal fi Sqallija.
22. Fi Sqallija wieħed isib l-ewwel Insara mgħammda li twieldu Misilmin b'ismijiet aktarx Griegi: ara Salvatore Cusa, *I diplomi greci ed arabi di Sicilia*, Palermu, 1868/82.
23. G. Wettinger, 'The Arabs in Malta'.
24. G. Wettinger, 'The Arabs in Malta', faċċ. 88 u 92; E. Rossi, 'Le lapidi sepolcrali arabo-musulmane di Malta', *Rivista degli Studi Orientali*, 12 (1931), 428-444.
25. Burchard Argentinensis, *Relatio de itinere in terram Sanctam*, fil-*Monumenta Germaniae Historica Scriptores* XXI, Hanover, 1869), p. 236.
26. Ibn Khaldoun, *Histoire des Berberes et des Dynasties Musulmans de l'Afrique septentrionale* (texte arabe), I (Alġieri, 1847), faċ. 409.

27. Petro Egidi (ed.), *Codice diplomatico dei Saraceni di Lucera* (Napli, 1917), dok. 454, li jsemmi lil "Lya filius Garufe et frater Delosvi Maltese anni x" u dok. 469, li jsemmi lil "Maltesium sellarium, Alamannam uxorem eius, Lyam et Bulfuctog fratres eius". Ara wkoll dokumenti oħrajn f'dal-ktieb. Fuq is-Saraċini f'Luċera ara Petro Egidi, "La colonia Saracena di Luċera e la sua distruzione", *Archivio Storico per le Province Napolentane*, vol. 36, faċċ. 597-694, vol. 37, faċċ. 71-89, 664-696, vol. 38, faċċ. 115-44, 681-707, vol. 39, faċċ. 132-171, 697-766.
28. C. Schroth-Kohler, T. Kolzer, H. Zielinski, "Zwei staufische Diplome fur Malta aus den Jahren 1198 und 1212" *Deutsches Archiv*, 33 (1977), faċċ. 519-20.
29. G. Wettinger, "Linguistic Pluralism and Cultural Change in the Maltese Islands during the Middle Ages", *Le Pluralism Linguistique dans la Société Medievale: Colloque International* (Montreal, 1986) Institut d'Etudes Medievales Universite de Montreal. (għadu la ħariġx).
30. G. Wettinger u M. Fsadni, O.P., *L-Għanja ta' Pietru Caxaru: Poeżija bil-Malti Medjevali* (Malta, 1983).
31. G. Wettinger, "Early Maltese and Gozitan Place-names", *Civilization*. S'issa ħarġu 37 numri ta' din ir-rivista.
32. G. Wettinger, "The Lost Villages and Hamlets of Malta", *Medieval Malta: Studies on Malta before the Knights* (London, 1975).
33. G. Wettinger, "The Militia List of 1419-20", *Melita Historica*, vol. 5, No. 2 (1959); G. Wettinger, "The Distribution of Surnames in Malta in 1419 and the 1480s", *Journal of Maltese Studies*, No. 5 (1968).
34. H. Bresc u S. D. Goitein, "Un Inventaire Dotal de Juifs Sicilens 1979)", *Mélanges d'Archeologie et d'Histoire*, t. 34, N.S. 24 (1974). Ara wkoll A. Giuffrida u B. Rocco, "Una bilingue Arabo-Sicula", *Annali Istituto Orientale di Napoli*. 34 (N.S. 24), 1974.
35. Fuq dan kollu ara G. Wettinger, "The Arabs in Malta", *Malta: Studies of its Heritage and History*(Malta, Mid-Med Bank Limited, 1986).
36. H. Bresc, "Malta dopo il Vespro Siciliano", *Melita Historica*, vol. 7, No. 3 (1974).
37. A. T. Luttrelli, "The Benedictines and Malta: 1363-1371", *Papers of the British School at Rome*, vol. 5 (1982), faċċ. 146-165.
38. Għall-Franġiskani ma nistgħux naċċettaw dak li jgħid P. L. M. Tonna Barther qabel ma jara d-dawl tax-xemx id-dokument li jsemmi tas-sena 1400 - tiġdid ta' ċens ta' mitt sena li kien għadu kif għalaq: Fr. L. M. Tonna Barther, "L'Ordine dei Minori Conventuali in Malta", *Ricordi del VII Centenario della Fondazione dell'Ordine Francescano*, faċ. 5. Għalhekk ikollna noqogħdu fuq l-miġja tal-patri Papalla bħala inkarigat mill-isptar ta' Santu Spirtu, dokument li ilna nafu bih. Għall-Agostinjani ara: A. T. Luttrell, "The Augustinians at Malta: 1413", *Analecta Augustiniana*, vol. 38 (1975), faċċ. 295-302. Jien sibt xi referenzi oħra f'Palermu li għad ma kellix żmien noħroġ li juru li kemm Malta u kemm Għawdex diġa' kellhom rabtiet magħhom fis-snin 1370.
39. Jista' jkun li għad jinstabu dokumenti oħra b'tagħrif ġdid, iżda dik it-tama kull ma jmur qed tgħib.
40. A. Berthier, "Les ecoles de Langues Orientales fondees au XIII - Siecle par les Domnicains en Espagne et en Afrique", *Revue Africaine*, 73 (1932); Jose M. Colle, "Escuelas de lenguas orienales en los siglos XII y XIV, *Analecta Sacra Tarraconensia: Revista de ciencias historico-eclesiasticas*, 17 (1944), 18 (1945), 19 (1946).

41. Godfrey Wettinger, *The Jews of Malta during the Late Middle Ages* (Malta: Midsea Books Ltd., 1985), 352 pp., illus.
42. Dan jidher jekk tqabbel dawk li jsemmi Duzina fl-1575 ma' oħrajn dokumentati x'imkien ieħor bħal fl-ismijiet ta' nħawi f'Malta u f'Għawdex, jew għal Għawdex fl-istorja t'Għawdex ta' Agius de Soldanis u mkejjen oħra.
43. M. Buhagiar, "Medieval Maltese Church Architecture" f'*Hal Millieri: a Maltese Casale, its Churches and Paintings*, ed. A. T. Luttrell, faċċ. 81-88, ir-ritratti, u kitbiet oħra fl-istess ktieb.
44. G. Wettinger, *Il-Ġrajja Bikrija tal-Knisja Matriċi t'Għawdex 1435-1551* (Malta, 1975).
45. Fl-Arkivji tal-Mużew tal-Katidral ta' l-Imdina hemm ħafna dokumentazzjoni ta' dawn l-artijiet li tmur 'l ura għal qabel sewwa s-sena 1530.
46. Fl-1545 inġabar ġo ktieb wieħed kopja ta' għadd ta' testmenti Għawdxin sa mis-sena 1435. Illum dan jinsab fl-Arkivji tal-Kurja, il-Furjana, taħt l-isem "Registrum Fundationum Beneficiorum Insulae Gaudisti".
47. Ara, ngħidu aħna "Lettera di Monsignor Bres mandata ai Regi Commissionari in Malta . . . . 24 agosto 1812", f'Raccolta di Cose Antiche. . . miġbura mill-baruni Vincenzo Azzopardi (Malta, 1843), faċċ. 20-31.
48. Fi żmien qasir nittama li joħroġ l-Acta Juratorum et Consilii Civitatis et Insulae Maltae f'żewġ kotba mitbugħa f'Palermu mill-Associazione Culturale Malta Sicilia, li jkun fih ġabra ta' xi 976 dokument tas-snin 1434-1499 li se jagħtu dawl sħiħ fuq kull ma għidna f'dan il-paragrafu u dawk ta' warajh.
49. Fuq dan ara G. Wettinger, "The Nature of Maltese Politics, c. 870-1964", *The British Colonial Experience, 1800-1964: The Impact on Maltese Society*, ed. Dr. V. Mallia Milanes (Malta, 1988), 19-33.
50. H. Bresc, *Un monde méditerranéen économie et société en Sicile, 1300-1450* (Palermu u Ruma, 1986).
51. S'issa ħriġt lista mit-tnejn tad-dejma li fadlilna: "The Militia List of 1419-20: a New Starting Point for the Study of Malta's Population", *Melita Historica*, V. no. 2 (1969), faċċ. 80-106. Ħriġt ukoll "The Militia Roster of 1417", *The Armed Forces of Malta Journal*, No. 32 (1979), faċċ 25-42.
52. G. Wettinger, "The Pawning of Malta to Monroy (in 1421)", *Melita Historica*, VII, No. 3 (1978), faċċ 265-283.
53. Fuq dan kollu ara G. Wettinger, "The Nature of Maltese Politics, c. 870-1964", *The British Colonial Experience, 1800-1964: the Impact on Maltese Society*, ed. V. Mallia Milanes (Malta, 1988), l-iktar il-faċċ. 22-28.
54. G. Wettinger, "Agriculture in Malta in the Late Middle Ages", *Proceedings of History Week, 1981* (Malta, 1982) faċċ. 1-48. Maħruġ ukoll għalih b'xi tibdil żgħir fl-istess sena.
55. H. Bresc, *Un monde Méditerranéen: économine et société en Sicile, 1300-1450* (Palermu, Ruma, 1986), faċċ. 379.
56. Ara l-istudju tiegħi "Linguistic Pluralism and Cultural Change in the Maltese Islands during the Middle Ages" imsemmi diġà.
57. Ara issa L. Mahoney, *A History of Maltese Architecture from Ancient Times up to 1800* (Malta, 1988), faċċ. 79.
58. H. C. R. Vella, *The Earliest Description of Malta (Lyons 1536)* (Malta, 1980), faċċ. 40-41.
59. Illuminato Peri, *Il villanaggio in Sicilia* (Palermu, 1965), faċċ. 79-101.
60. G., Wettinger, *The Jews of Malta during the Late Middle Ages* (Malta, 1985).